

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 905/2008**tas-17 Settembru 2008****dwar il-ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni għaz-zokkor tal-kannamieli mhux raffinat għall-irfinar, li joriġina mill-pajjiżi l-inqas żviluppatti**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 980/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005 li tapplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor ⁽²⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1100/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi, għas-snin tas-suq 2006/2007, 2007/2008 u 2008/2009, regoli dettaljati għall-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji għaz-zokkor tal-kannamieli mhux raffinat għall-irfinar li joriġina mill-pajjiżi l-inqas żviluppatti, kif ukoll regoli dettaljati li japplikaw għall-importazzjoni ta' prodotti ta' l-intestatura tariffarja 1701 li joriġinaw mill-pajjiżi l-inqas żviluppatti ⁽³⁾, u partikolarment l-Artikolu 7(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 12(5) tar-Regolament (KE) Nru 980/2005, l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1100/2006 jipprevedi, għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-importazzjonijiet li joriġinaw mill-pajjiżi l-inqas żviluppatti, il-ftuħ ta' kwoti tariffarji bla dazju għall-prodotti tal-kodiċi NM 1701 11 10, espressi f'ekwivalenti ta' zokkor abjad.
- (2) Matul il-ġimgħa mit-8 sat-12 ta' Settembru 2008, skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1100/2006, ġew

preżentati applikazzjonijiet għal liċenzji ta' l-importazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti. It-totali msemmijin fl-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament juru li, wara dawn l-applikazzjonijiet, il-kwantità totali mitluba għas-sena tas-suq 2007/2008 tlaħħaq il-limitu ta' 178 030,75-il tunnellata prevista għal din is-sena għall-kwota 09.4361.

- (3) F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri li l-limitu kkonċernat intlaħaq u li mhux se tintlaqa' ebda applikazzjoni għal liċenzja oħra.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' importazzjoni ppreżentati mit-8 sat-12 ta' Settembru 2008 skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1100/2006 jintlaqgħu sa ...% [100 % f'każ l-applikazzjonijiet huma daqs il-kwantitajiet] tal-kwantitajiet mitluba.

Artikolu 2

Il-limitu ta' 178 030,75-il tunnellata tal-kwota tariffarja 09.4361, previst mill-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1100/2006 ntlaħaq. Mhux se tintlaqa' ebda applikazzjoni għal-liċenzja ta' importazzjoni mressqa wara it-12 ta' Settembru 2008.

*Artikolu 3*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament f'kull Stat Membru.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Settembru 2008.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 169, 30.6.2005, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 196, 18.7.2006, p. 3.